11 ta' Marzu, 1957

Imħallfin:—

Is-S.T.O. Sir L.A. Camilleri, Kt., LL.D., President;

Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;

Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Angelo Mallia *versus* Michele Casaletto

**Digriet Interlokutorju — Appell — Nota tal-Appell — Żball — Nullità — Korrezzjoni — Art. 227 inċiż (6) u Art. 175 (2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili**

*Meta appell minn digriet interlokutorju jsir wara s-sentenza definitiva, dan jista' jsir jew fin-nota tal-appell minn dik is-sentenza jew b'nota għaliha, li għandha tiġi preżentata fiż-żmien li hemm għall-appell mis-sentenza definitiva.*

*Jekk fin-nota tal-appell mis-sentenza definitiva l-appellant ma jsemmi xejn dak id-digriet, jiġi li huwa ma appellax minnu b'dik in-nota; u jekk nota oħra għaliha ta' appell ma jkunx għamel riferibilment għal dak id-digriet, allura jiġi li minn dak id-digriet ma sarx appell. Bil-konsegwenza li ma tistgħax tintalab ir-revoka ta' dak id-digriet fil-petizzjoni. U tabilħaqq, in-nota tal-appell hi essenzjali, u trid tippreċedi l-petizzjoni.*

*U mhux il-każ li tiġi emendata n-nota tal-appell li saret rigward is-sentenza definitiva biż-żieda tal-appell mid-digriet fuq imsemmi; għax emenda bħal dik timporta appell ġdid barra mit-terminu, u dan ma jistgħax isir; għax il-liġi tikkontempla t-tiswija ta' żball fin-nota tal-appell, u mhux żieda ta' appell li ma jkunx sar.*

*Għaldaqstant, f'każ simili l-korrezzjoni fin-nota tal-appell ma tistgħax issir, u l-appell interpost fil-petizzjoni minn dak id-digriet huwa null.*

Il-Qorti;—Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ, li biħ l-attur, wara li ppremetta illi l-konvenut

bena lill-attur, wara inkariku tiegħu, żewġ garages fi Trieq San Xmun, Buġibba, San Pawl il-Baħar, u dan bi prezz preventivament miftiehem; u inoltri, l-istess konvenut bena favur l-attur ħajt diviżorju u fornieħ b'tieqa bil-persjana, ta' liema *xogħolijiet* ukoll il-kumpens ġie miftiehem minn qabel; u li l-attur, malli nbdew ix-xogħlijiet, għamel pagament akkont f'idejn il-konvenut ta' £250, u meta x-xogħolijiet kollha kienu lesti rrenda d-dettall eżibit fid-dok. "A", ad eċċezzjoni ta' rċevuta datata 4 ta' Settembru 1952 u hu ħalla l-istess dokument mal-bilanċ per saldo ta' £146.12.0 f'idejn ħuħ, David Mallia, biex dan jikkonsenjahom lill-konvenut; u illi l-konvenut aċċetta dawk il-flus bil-kondizzjonijiet mitluba mill-attur, iżda b'qerq, u mingħajr ma tkellem xejn, għamel riċevuta ta' pagament akkont; u li malli l-attur induna b'dak li kien għamel il-konvenut, interpellaħ b'ittra uffiċjali tas-26 ta' Settembru 1952 biex jirrilaxxjalu riċevuta finali u per saldo, u dan billi kien ħallas, u l-konvenut kien irċieva, l-ammont miftiehem, iżda l-konvenut inskriva favur tiegħu u fuq l-imsemmijin fondi privileġġ speċjali fir-Reġistru Publiku fil-Volum "I" bin-nota minnu eżibita nru. 1473 tas-sena 1952 għall-ammont ta' £170.16.5; talab, prevja d-dikjarazzjoni li huwa ħallas lill-konvenut il-kumpens kollu lilu dovut għall-kostruzzjoni u għax-xogħlijiet kollha *mill-istess konvenut magħmula* fiż-żewġ garages fuq riferiti, u għalhekk il-konvenut ma għandu jieħu xejn minn għand l-attur in konnessjoni ma' dawk il-fondi, li jiġi ordnat il-kanċellament tal-privileġġ speċjali fuq indikat bħala prezz ta' kostruzzjoni tal-istess fondi fuq riferiti, u li jiġi nominat nutar biex jirċievi u jippublika l-att meħtieġ u *kuratur biex jirrappreżenta l-kontumaċi* għal dak l-att. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali fuq riferita;

*Omissis;*

Rat il-verbal magħmul fiż-17 ta' Frar 1955 quddiem il-Qorti tal-Kummerċ, *mnejn jirriżulta li l-konvenut, per mezz* tad-difensur tiegħu, talab il jressaq bħala prova dwar il-ftehim tiegħu mal-attur fuq il-prezz tax-xogħol in kwistjoni

diary u notamenti oħra miżmuma mill-istess konvenut, u l-verbal tal-oppożizzjoni tal-attur;

Rat id-digriet tal-Qorti tal-Kummerċ taż-17 ta' Frar 1955, li bih dik il-Qorti ċaħdet dik it-talba, bl-ispejjeż kontra l-konvenut; billi kkunsidrat;

Illi l-prova li l-konvenut ried jagħmel ga ġiet minnu magħmula bil-gurament tiegħu; u jekk deherlu li kellu jsaħħaħ ix-xhieda tiegħu b'dokumenti, kellu żmien biżżejjed biex igibhom qabel l-ewwel relazzjoni tal-perit, u seta' wkoll jippreżentahom fl-intervall bejn l-ewwel u t-tieni relazzjoni, u dana ntant naqas jagħmlu; u mhux xieraq, għalhekk, li jgib il-quddiem l-imsemmija talba;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tal-11 ta' Ottubru 1956, li biha, previja konferma tar-relazzjoni peritali, iddeċediet adeżivament għall-istanza, u kwindi nnominat lin-Nutar Dr. Alexander Grech biex jirċievi u jippublika l-att meħtieġ........... u ordnat li l-ispejjeż jitħallsu minn għand il-konvenut; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

*Omissis;*

Rat in-nota tal-appell tal-konvenut.............;

Rat il-petizzjoni tal-konvenut appellant, li biha talab ir-revoka tad-digriet tal-Qorti tal-Kummerċ taż-17 ta' Frar 1955, fuq imsemmi, u r-revoka tal-imsemmija sentenza appellata tal-Qorti tal-Kummerċ tal-11 ta' Ottubru 1956, u ċ-ċaħda tat-talba tal-attur; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Rat in-nota tal-attur appellat, li biha eċċepixxa n-nullità tal-appell mid-digriet taż-17 ta' Frar 1955, peress li l-istess ma ġiex interpost għat-termini tal-art. 227 inċiżi (2) u (6) tal-Kap. 15 tal-LL.;

Rat il-verbal tal-25 ta' Frar 1957, li bih l-appellant talab il korrezzjoni tan-nota tal-appell;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, fuq l-appell mid-digriet tal-Qorti tal-Kummerċ taż-17 ta' Frar 1955;

Illi skond l-art. 227, inċiż (6), tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, meta l-appell minn digriet interlokutorju jsir wara s-sentenza definitiva, kif sar fil-kawża preżenti, dan jista'

jsir jew fin-nota tal-appell minn dik is-sentenza, jew b'nota għaliha li għandha tiġi preżentata fiż-żmien li hemm għall-appell minn sentenza definitiva. Kif qalet il-Qorti tal-Appell ta' Għawdex fis-sentenza tal-15 ta' Ġunju 1903, in re "Grima vs. Galea", "quando,nel caso di più sentenze date nella stessa causa, la legge accorda il diritto di appellarsi dopo l'ultima sentenza da tutte le sentenze, occorre nella nota di appello indicare partitamente tutte le sentenze da cui si vuole appellare. La gurisprudenza che sanzione il suddetto principio non contempla una sentenza definitiva, ma sentenze interlocutorie" (Cremona, Giurisprudenza sul Codice di Procedura Civile, p. 467): iżda fin-nota tal-appell mis-sentenza definitiva, l-appellant ma semma xejn dak id-digriet, u għalhekk ma appellax minnu b'dik in-nota; u nota oħra għaliha tal-appell ma għamelx riferibilment għal dak id-digriet. Għaldaqstant, minn dak id-digriet ma sarx appell; u la appell ma sarx minn dak id-digriet, ma tistax tintalab ir-revoka tiegħu fil-petizzjoni. U tabilħaqq, in-nota tal-appell hija essenzjali, u trid tippreċedi l-petizzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi mhux il-każ li tiġi emendata n-nota tal-appell li saret rigward is-sentenza definitiva, biż-żieda tal-appell mid-digriet fuq imsemmi; għax emenda bħal dik timporta appell ġdid barra mit-terminu, u dan ma jistax isir. U tabilħaqq, l-art. 175(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jikkontempla t-tiswija ta' żbalji fin-nota tal-appell, u mhux żieda ta' appell li ma jkunx sar; u dan hu wisq divers mill-każ li fuqu kkommentat u ddeċediet dina l-Qorti fis-sentenza tagħha tal-15 ta' Diċembru 1952, in re "Calleja vs. Mamo" (Kollez. Vol. XXXVI-I-367). Għaldaqstant, il-Qorti ma tistax tilqa' t-talba tal-appellant biex issir dik il-korrezzjoni skond il-verbal tal-25 ta' Frar 1957; u hija nulla u inattendibbli t-talba tal-appellant fil-petizzjoni għar-revoka tad-digriet fuq imsemmi tal-Qorti tal-Kummerċ taż-17 ta' Frar, 1955;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti taqta' l-inċident billi tiċħad it-talba tal-appellant għall-korrezzjoni tan-nota tiegħu tal-appell skond il-verbal tal-25 ta' Frar, 1957, u tilqa' l-eċċezzjoni tal-appellat tan-nullità tal-appell tal-appellant

mid-digriet tal-Qorti tal-Kummerċ taż-17 ta' Frar 1955; u għalhekk tiddikjara nulla u inattendibbli t-talba fil-petizzjoni għar-revoka ta' dak id-digriet; bl-ispejjeż tal-inċident kontra l-appellant. U tiddifferixxi l-kawża għalbiex titkompla.